KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN

ID-DISA' LEĠISLATURA

MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

LAQGĦA NUMRU 37 – IT-TNEJN, 19 T'OTTUBRU 2026 FIL-5:30PM

Il-Kunsill iltaqa' fil-boardoom

Preżenti

	Dominic Cassar	Sindku
	Pauline Vella Critien	Viċi Sindku
	Carmelo Pace Taliana	Kunsillier
	Anthony Mifsud Bonnici	Kunsillier
	Norbert Dalli	Kunsillier
	Salvu Debono	Kunsillier
	Claire Calleja Zammit	Kunsillier
	Joan Farrugia	Kunsillier
	Noel Dimech	Kunsillier
Skużati	Trevor Fenech	Kunsillier (Minority Leader)
	Javier Caruana	Kunsillier

Talba

1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji

Trevor Fenech, Javier Caruana u talbu li jiġu skużati.

1

2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Joan Farrugia staqsiet fuq l-Attivitajiet tal-Milied (4.1) u ġie kkonfermat li dan se jiġi diskuss f'punt tal-aġenda.
2.2 Ħadd iktar ma kellu xi jżid. Ippropona l-minuti Noel Dimech, issekonda Norbert Dalli.

3 Komunikazzjoni mis-Sindku

3.1 Rapporti ta' ħsarat fil-vetturi

Is-Sindku nfurmahom li ma kienu daħlu l-ebda rapporti.

3.2 Schematic Plan – Binja tal-Kunsill

- Saret draft tal-pjanta li fuqha ser isiru il-pjanti uffiċjali tal-binja tal-kunsill sabiex umbagħad ladarba titlesta tiġi diskussa mal-mejda u kif ikun hawn qbil isiru is-sottomissjonijiet neċċessarji.

3.3 Sliema Road

- It-tabelli u markings ta' Sliema Road tneħħew, jekk il-kunsill irid jipproponi Speed limit għandu jdaħħal applikazzjoni mat-TM.
- Ħadd mill-kunsilliera ma kkommetta jew propona limitu li għandu jsir u kien hemm qbil li dan għandu jiġi deċiż mit-TM, jekk le, jibqa' kollox kif inhu.

3.4 Street Name Committee

- It-Triq ta' fejn l-ambaxxata tal- Eġizzjani fejn tispiċċa Triq Antonio Schembri m'għandhiex isem, u l-Street Name Committee talbuna nippproponu isem.
- Norbert Dalli – il-lampa ta' triq tweħħlet u nxtegħlet, iżda isem m'għandux. Qed jipproponi li l-isem issir Triq Profs. Laurence V Zrinzo. Kulħadd favur li dan l-isem għandu jiġi propost lill-istreet name committee. Qbil unanimu.

Claire Calleja waslet tard fis-17:45.

3.4 Belisha Light Bellavista

1

- Il-kuntrattur ġie mitlub mill-IM għaliex ġie kkonfermat li huma kienu responsabbli tax-xogħlijiet, sabiex il-Belisha light in-nieqsa li hemm fil-parti ta fuq ta Vjal ir-Rihan terġa titwaħħal.

3.5 Vjal ir-Rihan

- Il-Public Works infurmawna li ser jagħmlu x-xogħol ta' resurfacing fejn l-ibins ta Vjal ir-Rihan. Qed jistennew l-kuntrattur itihom d-data u jinfurmawna.

3.6 Zebra Crossing – Bkara Road

- Qed isiru l-komunikazzjonijiet meħtieġa sabiex issir iz-zebra crossing f'Bkara Road, quddiem l-Ecco.
- Il-kunsill qiegħed jistenna minn TM.

3.7 Sound Streaming

- Is-sound tal-istreaming tal-kunsill ġie kkonfermat li jinstema ċar min-naha tad-dipartiment, kif ukoll ġie s-Sur Mallia jagħmel it-testijiet neċessarji sabiex jikkonferma li s-sistema qed taħdem kif suppost.
- Pauline Vella Critien issuġġeriet li l-kunsill jara sistemi oħrajn, għaliex dan mhux dejjem qed jinstema xorta waħda u ssuġeriet is-sistema li juża l-kunsill tan-Naxxar.

3.8 Vaċċin tal-Influwenza, Covid-19, Pneumoccal

- Il-vaċċin tal-influwenza ser tinghata f'kollaborazzjoni mal-Primary Healthcare, dawn ser jamministrawha huma, l-applikazzjonijiet infetħu u jagħlqu nhar is-Sibt 25 t'Ottubru, għaliex it-Tnejn iridu l-lista ta' reġistrazzjonijiet. Jiġu amministrati fil-bidu ta' Novembru.

3.9 Kontijiet tal-ARMS

- Il-kunsill ta' San Gwann mhuwiex parti mill-proġett pilota tal-ħlas tal-kontijiet tal-ARMS u għalhekk important li r-residenti ikollhom informazzjoni korretta ta' dan ħalli ma jiġux il-kunsill ta' xejn. Komunikazzjonijiet bħal dawn ladarba jkun hemm aġġornament isir fuq il-paġna uffiċjali ta' Facebook tal-Kunsill Lokali.

3.10 Għaqda Piroteknika

- L-għaqda Piroteknika qed jitolbu l-kunsill EUR4,000 għall-ħruq tan-nar bħal ma jsir kull sena, dakinhar tal-mixegħla u lejlet l-ewwel tas-sena.
- Kien hemm qbil unanimu li l-kunsill għandu jikkolabora ma' dan.

3.11 Tindif tal-Cart Ruts

- Salvu Debono talab sabiex issir cleanup fil-cart ruts.
- Pauline Vella Critien ikkonfermat li dan għandu jsir mill-cleansing. Is-SE ikkonfermat li s-sena l-oħra ma laqgħux din it-talba u dan sar mill-kuntrattur privat tal-Kunsill. Ikkonfermat li ser tipprova tagħmel pressjoni hi mal-Cleansing Dept sabiex isir dan it-tindif.

4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

4.3 Lino Pace Taliana – xtaq ikun jaf jekk Rodnick Dalli kienx infurmat li mhux ser jibqa' jkun hu li jagħti s-servizz ta' transport?

Is-SE infurmatu li dan mhuwiex neċessarju, bħala kunsill, l-għażla tas-servizzi huma skont il-prezz offrut, kien hemm xi kunsilliera li għaddew kummenti dwar il-prezzijiet tiegħu, is-sindku għadda kuntatt ta' supplier ieħor bi prezzijiet aktar vantaġġjużi u għalhekk kienet għażla newtrali. Ma hemm l-ebda oġġezzjoni li nużaw is-servizz ta' Rodnick jekk il-prezzijiet tiegħu jibqgħu kompetittivi. Jekk jixtieq ikun jaf b'kemm il-kunsill qed jieħu das-servizz jista' jikkuntattja lill-amministrazzjoni.

5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti Nru 31

5.1 Pauline Vella Critien staqsiet dwar pagament nru 36. – jekk dawn il-barriers ħallsux għalxejn. Is-SE ikkonfermat li sfortunatament iva, dawn tħallsu ta'xejn minħabba li d-delivery xorta waħda saret is-Sibt kif miftiehem u l-attivita' tħassret il-Ħadd kmieni filgħodu u nġabru fil-ħin kif miftiehem.

5.2 Pauline Vella Critien staqsiet ukoll dwar jekk dawn il-flus ilniex intuhom daż-żmien kollu għall-iscaffolding tal-binja b'riferenza għall=pagament nru. 37. RMX. Is-SE ikkonfermat li iva, dawn ilhom jitħallsu minn meta sar l-iscaffolding.

Ħadd iktar jipproponi Salvu Debono issekonda Lino Pace Taliana.

6 Rapport tas-Sottokumitat (anness)

6.3 Il-Bozza f'tarf Antonio Schembri tweħlet u saret, l-isem ġie diskuss ukoll.

6.4 Il-proċess tac-CCTV kameras huwa fi stadju avvanzat.

6.5 Zebra Crossing viċin l-Ecco shoe shop – qed issir il-komunikazzjoni mat-TM.

1

6.6 Il-kunsill ilu biex isib presepju u pasturi tal-Milied għall-Kappara, marru u sibna presepju ta' ħdax 'il biċċa, tar-resin, għall-prezz ta' EUR750. Kien hemm qbil unanimu li għandu jinxtara dan il-presepju u mhux l-ieħor ta' EUR2,000. Għadhom għaddejin id-diskussjonijiet fuq is-siġra tal-Milied, li raw s'sissa EUR2,500 l-artifiċjali għas-siġra tal-Milied. Siġra ħajja, għad mhemmx prezzijiet għax għadhom ma waslux. Kien hemm qbil li l-kunsill imur għal waħda ħajja.

7 Vannijiet tal-Kunsill

7.1 Is-SE infurmathom li l-Altours ser jibdew iżommu ta' żewġ vannijiet bħalissa il-kunsill iħallas ta' wieħed biss EUR 30 kuljum, għalhekk issa ser jibda jħallas EUR 60 kuljum. Ikkonfermat li dan huwa l-iktar prezz raġonevoli li sabet, Burmarrad Commercials ta' sena għal żewġ vannijiet simili jitla total ta' kważi EUR 90elf, simili wkoll għal Rabat Rentals li l-kirjiet huma ta EUR90 u EUR 85 għall vannijiet rispettivi.

7.2 Infurmathom ukoll li id-Dipartiment reġa kien f'kuntatt mal-kunsilli fejn talbu iktar informazzjoni dwar l-użu tal-vannijiet sabiex bħala ġarto mis-Social Climate Fund ser ikun hemm flotta ta' vannijiet għall-benefiċċju tal-kunsilli lokali. Sa issa din hi l-informazzjoni li nġiebet.

7.3 Is-SE irrakkomandat li l-kunsill jekk ma jikkwalifikax għall-van, jikkunsidra li jixtri wieħed bl-iskema li tinħareġ fis-sena li ġejja, skont il-proċeduri, jew inkella jalloka baġit sabiex jixtri vann mir-riżervi. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

7.4 Anthony Mifsud Bonnici staqsa min juża dan is-servizz, is-SE ikkonfermat li dan jiġi offrut skont kif diskuss u maqbul mill-mejda mill-anzjani, li jkollhom appuntamenti Mater Dei jew il-klinik tal-Gzira kif ukoll mill-anzjani tat-tombla.

8 Attivitajiet tal-Milied.

8.1 Is-Sur Dalli spjega kif għal din is-sena l-programm tal-Milied ser isir f'kolaborazzjoni mal-għaqdiet kollha fil-lokalita' fosthom, iltaqa' ma' NGOs separati u ġie deċiż li ser jaħdmu kollha f'kollaborazzjoni mal-kunsill. L-għaqdiet kollha, banda, armar, scouts u anke l-iskola primarja. Is-Surmast aċċetta wkoll li l-Xmas Market isir fl-iskola. Qabel il-kunsill kien iħallas EUR10,000 maqsuma bejn kull għaqda, torganizza attivita' għall-komunita'. Din is-sena kull għaqda ser torganizza l-parti tagħha f'weekend wieħed bejn it-18 u l-20 ta' Diċembru. Bejn wieħed u ieħor dan ser jiswa EUR15,000 ikopri l-ispejjeż, staging, entertainment, Involviment ta' korijiet u skejjel oħra, insurance, risk assessment u dak kollu li jkun hemm bżonn sabiex ikun hemm villaġġ tal-Milied għaddej kontinwament bejn il-Ġimgħa filgħaxija u l-Ħadd waranofsinhar. Nipprovaw ninvolvu t-tfal għaliex dawk huma li jġibu n-nies.

8.2 Joan Farrugia staqsiet jekk b'15K hux se jkopru dawn l-ispejjeż kollha. Is-SE ikkonfermat li biex jieħdu l-ammont kollu tal-iskema il-kunsill irid jonfoq il-EUR15K tal-iskema plus 20%, in-nefqa trid tkun tal-inqas ta' EUR18,000 fuq l-attivitajiet

1

kollha tal-Milied allura, jekk kollox ikun skont dak li hu mitlub sabiex ikun jikkwalifika fl-iskema inkella dawn l-ispejjeż ikollhom joħorġu mir-riżervi tal-kunsill.

8.3 Pauline Vella Critien staqsiet jekk hux se jsir Marketing, Norbert Dalli ikkonferma li l-iskola ser tieħu ħsieb li tagħmel filmat u dan ser jiġi sharedfuq Facebook u l-mezzi soċjali, ser isiru wkoll posters u avviżi kif ukoll il-possibilta' li mmorru fuq it-televixin slot.

8.4 PVC staqsiet din tinkludi d-dwal, is-SE ikkonfermat li din in-nefqa tinkludi il-Xmas Village u l-Mixegħla ta' San Gwann u Kappara. Id-dawl huwa spiża addizzjonali ta' dan.

8.5 Joan Farrugia talbet li l-kunsill jikkunsidra li jipparteċipa f'Rigal bi Tbissima – offriet li hi tieħu ġsieb li jinxtraw dawn ir-rigali kif ukoll li terġa ssir il-ġabra ta' taħt is-siġra f'Misraħ Lourdes, maqsuma fuq jumejn possibilment fl-istess weekend tal-villaġġ tal-Milied. Is-Sindku qabel li l-kunsill għandu joħroġ EUR 500, għal din l-inizjattiva, iżda s-Sa Farrugia qaltlu li dak l-ammont huwa wisq, għalhekk kien hemm qbilbejn il-mejda li parti minn dal-flus għandhom jinxtraw ir-rigali bihom u parti oħra issir xi kolaborazzjoni ma' xi residenza jew entita' li f'dan iż-żminijiet ikollha xi bżonnijiet, bħal xi festin tal-Milied, xi ikel, xi affarijiet. Kien hemm qbil unanimu.

8.6 Norbert Dalli infurmahom jekk għandux ikun hemm installati speakers bil-mużika tal-Milied fit-toroq. Qablu inunanimament.

8.7 Anthony Mifsud Bonnici staqsa dwar l-ikla tal-Milied tar-resident, is-Sindku ssuġġerixxa sussidju ta' EUR15 pp, Sa massimu ta 150 ruħ għalhekk l-ammont imħallas ikun massimu ta EUR 2,250.Din għandha ssir ll-ġimgħa ta' qabel il-Milied. Qbil unanimu.

Il-laqgħa spiċċat fis-18:58 u l-laqgħa li jmiss se ssir fis-16 ta' Novembru fil-17:30

Iffirmati

Gaynor Bajada
Segretarju Eżekuttiv

Iffirmati

Dominic Cassar
Sindku